# Il-Barri

Jonfoħ, jitħabat, jilheġ,
Marbut u mxikkel sewwa,
Il-barri għajjien mejjet,
Sa fl-aħħar daħal ġewwa;
U xħin fil-bitħa huwa xamm ir-riħa
Li kienet tixhed it-tixrid tad-dmija,
Il-barri għajjat, u b'din l-għajta tiegħu,
Kexkex il-biċċerija.
Imb'għad x'ħin kollox reġa' għalli kien,
Il-barri raqad raqda
Għax ħassu wisq għajjien:
Ħolom għelieqi kbar mimlija ħdura,
Fejn jirgħu bhejjem ta' kull għamla u sura
Li kollha hienja taħt ix-xemx bla qies
Jirfsu b'riġlejhom xkejjer kbar tal-ġwież.
Sakemm minn nagħsa mnejn ħa ftit mistrieħ
Qajmitu r-rifsa tal-biċċier ix-xiħ;
U kif il-bitħa dwiet bl-għajjat u l-kliem
Il-barri dlonk intebaħ
Li wasal għalih it-tmiem,
Għalhekk, imdejjaq, nafar nafra kbira,
Bħal ruħ li tħossha ta' xortiha lsira;
Imb'għad x'ħin f'ġismu ħass ix-xafra dieħla
Li qajla qajla bdiet toħroġlu demmu,
Il-barri ħares, donnu ried jistaqsi:
Għaliex? Lil bniedem li kien qed itemmu.

ĠORĠ PISANI

Għawdex